MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1502/2000/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 19 ta’ Lulju 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur A u l-konvenuta zzewgu fis-7 ta’ Settembru 1998 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. “A”;

Illi minn dan iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti twieldet tifla C Zammit;

Illi l-konvenuta saret hatja kontra l-attur ta’ adulterju, sevizzji, minaccji w ingurji gravi, b’mod li rrendiet impossibbli l-hajja konjugali bejniethom;

Illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili;

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba adulterju, sevizzi, minaccji w ingurji gravi li l-imsemmija konvenuta kkommettiet fuq zewgha;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri C f’ idejn l-attur u fin-nuqqas tordna li l-attur ikollu access ghal bint minuri;

3. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, *occorrendo* billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

4. Tikkundanna lill-konvenuta tirritorna lill-attur l-assi parafernali kollha tieghu;

5. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process.

Rat il-lista ta’ xhieda.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 15 ta’ Settembru 2000 fejn il-kawza giet appuntata ghas-7 ta’ Frar 2001.

Rat in-nota tal-attur datata 21 ta’ Lulju 2000, a fol. 7 fejn l-istess attur esebixxa kopja tac-certifikat taz-zwieg tieghu tas-7 ta’ Settembru 1998 – Certifikat Numru 1564/1998.

Rat li l-konvenuta giet debitament notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fil-21 ta’ Novembru 2000 kif jidher *a tergo* ta’ fol. 5 u fol. 6 tal-process u peress li l-istess konvenuta ma’ pprezentat l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet l-istess konvenuta baqghet kontumaci.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 7 ta’ Frar 2001, fejn meta ssejhet il-kawa ma deher hadd u il-Qorti vverbalizzat li minkejja l-kontumaci tal-konvenuta saret in-nomina ta’ l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Greta Mifsud Agius biex tigbor il-provi u l-kawza giet differita ghall-aktar informazzjoni ghat-18 ta’ Gunju 2001.

Rat il-verbali ta’ din il-Qorti hekk diversament presjeduta datati 18 ta’ Gunju 2001 u 26 ta’ Novembru 2001 fejn f’din il-kawza ma deher hadd u l-kawza thalliet ghall-aktar informazzjoni.

Rat l-avviz tal-Qorti hekk diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 22 ta’ April 2002 a fol. 12 tal-process fejn b’digriet ta’ l-istess data gie ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghas-seduta tal-Hamis 24 ta’ Ottubru 2002.

Rat ir-rikors tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Greta Mifsud Agius, datat 9 ta’ Ottubru 2002, a fol. 13, fejn hija nfurmat lill-Qorti li l-impjieg taghha bhala Assistent Gudizzjarju kien gie terminat u ghalhekk talbet lill-Qorti biex tiddiregijha.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti hekk kif attwalment presjeduta datat 10 ta’ Ottubru 2002, il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta’ Dr. Greta Mifsud Agius bhala Assistent Gudizzjarju w

appuntata minflok bhala Perit Legali a spejjez provizzorjament attrici.

Rat id-digriet tan-nomina ta’ l-istess Dr. Greta Mifsud Agius bhala perit legali tali digriet datat 10 ta’ Ottubru 2002 a fol. 15 tal-process.

Rat il-verbal datat 24 ta’ Ottubru 2002, fejn il-Qorti giet informata minn Dr. Greta Mifsud Agius li l-attur ma kienx qed juri interress fil-kawza u ghalhekk din il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta’ l-istess Perit Legali u ordnat li l-process jigi ritornat u l-kawza giet differita *sine die.* Hadd mill-partijiet u d-difensuri ma deher f’din is-seduta.

Rat ir-rikors tal-attur datat 25 ta’ Marzu 2003, a fol. 18, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex terga’ tirriappunta l-kawza ghas-smiegh.

Rat id-digriet datat 27 ta’ Marzu 2003, fejn il-Qorti ordnat lill-attur jipprezenta nota fi zmien jumejn li biha jiddikjara xi provi baqaghlu jressaq b’affidavits u mod iehor u jekk ghandu xhieda bl-affidavit qed tippreffiggi terminu ta’ 40 gurnata ghall-prezentata ta’ l-istess.

Rat in-nota tal-attur datata 10 ta’ April 2003, a fol. 23 fejn indika li huwa kien ser iressaq ix-xhieda tieghu permezz tal-procedura ta’ l-affidavits.

Rat id-digriet datat 8 ta’ Mejju 2003, fejn inghata digriet ghall-prezentata ta’ l-affidavits attrici, b’terminu ta’ 40 gurnata mid-data ta’ l-istess digriet.

Rat in-nota tal-attur **A** datata 12 ta’ Mejju 2003, a fol. 25, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu datat 9 ta’ Mejju 2003.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 20 ta’ Mejju 2003, a fol. 28, li permezz taghha prezenta l-affidavit ta’ ohtu **Pauline Caruana** datat 19 ta’ Mejju 2003.

Rat id-digriet datat 20 ta’ Ottubru 2003, fejn il-Qorti rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-2 ta’ Dicembru 2003.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Greta Mifsud Agius minn fol. 38 sa fol. 41, tali seduti datati 10 ta’ Gunju 2001 fejn Dr. Aaron Mifsud Bonnici ddikjara li l-attur kellu jipprezenta x-xhieda tieghu bl-affidavits sa fejn kien possibbli; tat-8 ta’ Ottubru 2002 fejn Dr. Aaron Mifsud Bonnici nforma lil Dr. Greta Mifsud Agius li l-attur kien ilu ma jikkomunika mieghu.

Rat il-verbal datat 2 ta’ Dicembru 2003 fejn il-kawza giet differita sabiex l-konvenuta tigi notifikata bil-mozzjoni ta’ l-appuntament tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Frar 2004 u ta’ l-4 ta’ Mejju 2004 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenuta.

Rat il-verbal datat 2 ta’ Novembru 2004, fejn il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti anke peress li l-istess Qorti kienet indisposta.

Rat ir-rikors kongunitiv tal-kontendenti, datati 24 ta’ Jannar 2005, a fol. 48 tal-process , fejn talbu lil din il-Qorti tordna li l-manteniment favur il-minuri li gie degretat permezz ta’ Digriet tas-Sekond’Awla Civili Numru 1460/99 datat 4 ta’ Novembru 1999 presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Jospeh David Camilleri, fl-ammont ta’ Lm16 kull gimgha pagabbli mill-attur, jigi mhallas direttament lill-konvenuta billi jitnaqqas mill-paga li l-attur jaqla’ mill-imsemmi Modern Butcher, 229, St. Joseph Road, Hamrun, pagabbli fl-indirizz tal-konvenuta u cioe’ “5, St. Mary Str. Mellieha”, u dan kull hmistax bil-quddiem.

Rat id-digriet datat 1 ta’ Frar 2005, fejn il-Qorti laqghat it-talba w ordnat li kopja legali ta’ l-istess digriet tigi notifikata lill-*employer* tar-ragel a spejjez tal-konvenuta.

Rat il-verbal datat 15 ta’ Marzu 2005, fejn deher l-attur assistit minn Dr. Ilona Debono u l-konvenuta assistita

minn Dr. Rachel Bonello; l-istess Dr. Rcahel Bonello ghall-konvenuta ddikjarat li l-konvenuta hija kontumaci. Il-partijiet taw ruhhom notifikati bl-avviz ta’ l-appuntament tal-kawza u d-difensuri ddikjaraw li l-kura u kustodja qieghda f’ idejn l-omm u hemm access ghall-missier, li l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti f’ mobbli, u li l-kwistjoni hija biss dwar mobbli peress li l-attur jallega li gew mehuda mill-konvenuta. L-attur talab li l-konvenuta tirritorna xi deheb li allega li ttiehu minnha. Id-difensuri talbu l-ahhar differiment sabiex jippruvaw jittransigu. Il-Qorti laqghat it-talba b’dan li fin-nuqqas li dan isehh il-konvenuta kellha tipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet bin-notifika lill-kontro-parti li kellha 20 gurnata biex tirrispondi.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Gunju 2005, fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx. In vista ta’ l-istess il-Qorti pprefiggiet lill-konvenuta terminu ta’ 20 gurnata biex tipprezenta nota ta’ osservazzjoni bin-notifika lill-kontroparti li jkollha 20 gurnata biex tirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2005.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuta datata 12 ta’ Lulju 2005, a fol. 55 u fol. 56 tal-process bil-visto tal-kontro-parti fit-12 ta’ Lulju 2005.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur datata 19 ta’ Settembru 2005.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni mibdija mir-ragel; l-attur odjern u li fiha l-provi prodotti huma skarsi ghall-ahhar. Fil-fatt jirrizulta li l-konvenuta hija kontumaci u l-attur bhala xhieda tieghu pprezenta biss l-affidavit tieghu datat 9 ta’ Mejju 2003 u dak ta’ ohtu Pauline Caruana datat 19 ta’ Mejju 2003.

Illi intant jirrizulta li l-partijiet kienu zzewgu fis-7 ta' Settembru 1998 u l-attur huwa Malti u l-mara hija ta' nazzjonalita' Bulgara; l-partijiet izzewgu u marru joqghodu fi flat mikri u wara xi zmien gew joqghdu ghandhom ukoll ommha u huha. L-attur jghid li meta kellhom it-tifla l-konvenuta waqfet tahdem u bdiet ma taghtix kasu. Wara sena marru jghixu San Pawl il-Bahar u l-familja tal-konvenuta marret tghix separatament ghal rasha. Il-konvenuta regghet bdiet tahdem meta t-tifla kellha sena bhala *waitress* bejn is-6.00.p.m. u 12.00.p.m. Jghid li billi kien jahdem sat-8.00.p.m. r-relazzjonijiet ta' bejniethom hzienu u jallega li l-konvenuta bdiet anke ma tirritornax bil-lejl; jghid li madwar xahar u nofs mid-data ta' l-affidavit tieghu (9 ta' Mejju 2003) sab id-dar bla gyzer, fridge, washing machine, heater u computer u l-kutri kollha u l-kartiera tieghu bl-ammont ta' Lm150; jghid li hija hadhet it-tifla maghha u jghid ukoll lil-istess tifla tghix il-Bulgarija ma' missier il-konvenuta.

Illi hemm ix-xhieda wkoll ta' oht l-attur li tghid li l-koppja kienet spiss titlewwem minhabba li skond hija l-konvenuta kienet tinsisti li jkollha iktar flus f'ideja; hija tghid li l-konvenuta kienet issawwat lill-attur u kienet aggressiva kemm mieghu u kemm mat-tifla. Tghid li lill-attur kienet tehodlu kollox u hija tghid li xahrejn qabel ma xehdet din ix-xhud il-konvenuta gabhet trakk u hadet kollox mill-flat fejn kienu joqghodu u llum l-attur jghix ma' ohtu.

Illi din il-Qorti thoss li din is-separazzoni sehhet minhabba sevizzi u minacci *da parte* tal-konvenuta u fil-fatt dak allegat mill-attur gie kkoroborat minn ohtu filwaqt li l-konvenuta ma resqet l-ebda prova u dan *stante* li hija kontumaci. L-istess konvenuta cahdet dan fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, izda din il-Qorti timxi fuq il-provi li hemm quddiema, u l-allegazzjonijiet ta' l-attur gew ikkonfermati u kkoroborati mix-xhieda ta' ohtu li kkonfermat ukoll li kienet il-konvenuta li abbandunat id-dar konjugali u li meta ghamlet dan hadet kull ma' kien hemm fl-istess dar maghha. Din il-Qorti hija konvinta li mill-provi prodotti l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati lkoll u ma hemm l-ebda prova li tikkontradixxi dak allegat mill-attur. Certament li n-nota ta' osservazzjonijiet ma' hijiex prova

f’dan ir-rigward, ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta li hija hatja ta’ sevizzi, eccessi u minacci fil-konfront ta’ l-attur u li minhabba dan il-hajja flimkien ma’ ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabilment.

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri C li twieldet fl-1 ta’ Marzu 1999 jidher li skond il-verbal tal-15 ta’ Marzu 2005 hemm qbil bejn il-partijiet li *“l-kura u l-kustodja qieghda f’idejn l-omm u hemm access ghall-missier”.*

Illi fil-fatt jidher li skond id-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili Numru 1460/1999 fuq indikat l-kura u l-kustodja giet fdata f’idejn l-omm bi dritt ta’ access lill-attur *“kull nhar ta’ Tlieta u Hamis mill-5.30.p.m. u 7.00.p.m. u kull nhar ta’ Hadd mill-10.00.a.m. sas-7.00.p.m”.* Din il-Qorti tikkonferma l-istess, anke peress li jidher li l-partijiet llum il-gurnata addattaw sew ghal dan il-mod ta’ hajja u hemm qbil f’dan is-sens fl-interess tal-minuri.

Illi dwar manteniment jirrizulta mill-provi prodotti li l-attur almenu jaqla’ l-*minimum wage* u ghalhekk ghandu jikkontribwixxi bhala manteniment ghall-minuri l-ammont ta’ ghoxrin lira Maltija (Lm20) kull gimgha, pagabbli kull hmistax bil-quddiem fir-residenza ta’ l-istess konvenuta ghan-nom ta’ l-istess minuri, u dan il-pagament ghandu jsir direttament mill-paga ta’ l-attur mill-*employer* ta’ l-istess attur, u ghalhekk din il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din s-sentenza lill-*employer* ta’ l-attur (Modern Butcher, 229, St. Joseph High Road, Hamrun jew kull *employer* attwali iehor) sabiex l-istess *employer* ta’ A jaderixxi ruhu ma’ l-istess u jhallas dan il-manteniment lill-omm fl-interess ta’ l-istess minuri.

Illi dwar it-tielet talba attrici din il-Qorti thoss li l-allegazjonijiet attrici wkoll gew ppruvati fis-sens li meta l-konvenuta telqet mid-dar l-istess konvenuta hadet l-oggetti kollha ta’ valur li kien hemm fl-istess dar u indikati kemm mill-attur u kemm minn ohtu. Illi ghalhekk din il-Qorti tilqa’ din it-talba u xxolji l-komunjoni ta’ l-akwisti ta’ bejn il-partijiet b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

Illi ghall dak li jirrigwarda l-likwidazjoni u divizzjoni ta’ dak l-oggetti li kienu formanti mill-istess komunjoni din il-Qorti, *in vista* ta’ dak fuq premess, tordna li kull parti tibqa’ zzomm dak li attwalment jinsab fil-pussess rispettiv taghha u dan japplika kemm ghall-mara u kemm ghar-ragel, b’dan pero’ li *in vista* tal-fatt li meta l-istess konvenuta telqet mid-dar konjugali hija hadet kull haga li kien hemm ta’ valur, din il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mitt lira Maltija (Lm400) rappresentanti valur iffissat *arbitro boni viri* ta’ sehem l-attur mill-istess mobbli mehuda mill-konvenuta kif premess, u dan il-hlas ghandu jsir *per saldo* ghal kull interess li l-istess attur kellu fl-oggetti mehuda mill-konvenuta bhala parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Illi r-raba’ talba ghandha tigi michuda *stante* nuqqas ta’ provi.

Illi l-hames talba qed tigi milqugha biss ghal dak li jirrigwarda l-**artikolu 48 (1) (a) (b) u (d) tal-Kap 16.** Dan apparti li kemm il-konvenuta u kemm l-attur jidher li ghandhom l-introjtu taghhom.

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, u filwaqt li **tichad ir-raba’ talba’ attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta *stante* li l-istess konvenuta qed tigi ddikjarata hatja ta’ sevizzi, eccessi u minacci fil-konfront ta’ l-attur u li minhabba dan l-agir illegali taghha l-hajja tal-kontendenti flimkien ma’ ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabilment;

(2) Tilqa’ din it-talba biss fis-sens li din il-Qorti tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri C f’idejn il-konvenuta bi dritt ta’ access favur l-attur kull nhar ta’ Tlieta u Hamis mill-

5.30.p.m. u 7.00.p.m. u kull nhar ta’ Hadd mill-10.00.a.m. sas-7.00.p.m.;

Illi fil-interess tal-minuri din il-Qorti tordna lil l-attur sabiex bhala missier ta’ l-istess minuri jikkontribwixxi bhala manteniment ghall-minuri l-ammont ta’ ghoxrin lira Maltija (Lm20) kull gimgha, pagabbli kull hmistax bil-quddiem fir-residenza ta’ l-istess konvenuta ghan-nom ta’ l-istess minuri, u dan il-pagament ghandu jsir direttament mill-paga ta’ l-attur mill-*employer* ta’ l-istess attur, u ghalhekk din il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din s-sentenza lill-*employer* ta’ l-attur (Modern Butcher, 229, St. Joseph High Road, Hamrun jew kull *employer* attwali iehor) sabiex l-istess *employer* ta’ A jaderixxi ruhu ma’ l-istess u jhallas l-manteniment hemm indikat lill-konvenuta ghan-nom ta’ l-istess minuri;

(3) Tilqa’ din it-talba u xxolji l-komunjoni ta’ l-akwisti ta’ bejn il-partijiet b’effett mid-data ta’ din is-sentenza b’dan li ghal dak li jirrigwarda l-likwidazjoni u divizzjoni ta’ dawk l-oggetti li kienu formanti mill-istess komunjoni din il-Qorti tordna li kull parti tibqa’ zzomm dak li attwalment jinsab fil-pussess rispettiv tal-mara u tar-ragel, b’dan pero’ li *in vista* tal-fatt li meta l-istess konvenuta telqet mid-dar konjugali hija hadet kull haga li kien hemm ta’ valur, din il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mitt lira Maltija (Lm400) rappresentanti f’ valur iffissat *arbitro boni viri* ta’ sehem l-attur mill-istess mobbli mehuda mill-konvenuta kif premess;

4. Tichad din it-talba minhabba nuqqas ta’ provi;

5. Tilqa’ din it-talba biss fis-sens li tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikoli 48 (1) (a) (b) u (d) tal-Kap 16**;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------